# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001**

**Numru: 27**
**Citaz. numru : 1106/01RCP**

**Fortune Enterprises Ltd**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ghamlet diversi konsenji ta' merkanzija lis-socjeta' konvenuta f' diversi dati u dan fuq ordni u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlettax-il elf, tlett mija u tlieta u

disghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm13,393.97) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija hekk mibjugha u kkonsenjata lilha mis-socjeta' attrici;

Illi nonostante nterpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha Jeffrey Shaw kkonferma bil-gurament tieghu illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

L-istess socjeta` attrici ghaldaqstant, talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ‘il ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf, tlett mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi

(Lm13,393.97) dovuti lis-socjeta' attrici kif hawn fuq jinghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-14 ta' Marzu 2001 u cjoe' mid-data tal-ahhar konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf, tlett mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi

(Lm13,393.97) dovuti lis-socjeta' attrici kif hawn fuq jinghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-14 ta' Marzu 2001 u cjoe' mid-data tal-ahhar konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**